



Brussell, 21 ta' Settembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0280(COD)

12572/22
ADD 4

MI 671
COMPET 716
IND 348
CODEC 1319
IA 137

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 290 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL għal Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009 u (UE) Nru 305/2011 fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u s-sorveljanza tas-suq fil-kuntest ta' emerġenzi fis-Suq Uniku u DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u s-sorveljanza tas-suq fil-kuntest ta' emerġenzi fis-Suq Uniku

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 290 final.

Mehmuż: SWD(2022) 290 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2022
SWD(2022) 290 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

għal Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009
u (UE) Nru 305/2011 fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-
konformità, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u s-sorveljanza tas-suq fil-kuntest
ta' emerġenzi fis-Suq Uniku**

u DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE,
2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE,
2014/35/UE, 2014/53/UE, u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-
valutazzjoni tal-konformità, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u s-sorveljanza
tas-suq fil-kuntest ta' emerġenzi fis-Suq Uniku**

{COM(2022) 459 final} - {SEC(2022) 323 final} - {SWD(2022) 288 final} -
{SWD(2022) 289 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-Impatt għall-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza

X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?

Kriżijiet riċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19 jew l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, urew kemm is-suq Uniku jista' jkun fraġli f'każ ta' tfixkil mhux previst u, fl-istess ħin, kemm l-ekonomija Ewropea u l-partijiet ikkonċernati kollha tagħha jiddependu fuq Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb. L-impatt ta' kriżi fuq is-Suq Uniku jista' jkun doppju. Minn naħa waħda, kriżi tista' twassal biex jitfaċċaw ostakli għall-moviment liberu fi ħdan is-suq Uniku, u b'hekk jiġi mxekkel il-funzjonament normali tiegħu. Min-naħa l-oħra, kriżi tista' tamplifika n-nuqqasijiet ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżijiet jekk is-Suq Uniku jkun frammentat u ma jkunx qed jiffunzjona. B'riżultat ta' dan, il-ktajjen tal-provvista jistgħu jiġu interrotti malajr, il-kumpaniji jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu, ifornu jew ibigħu oġġetti u servizzi. L-aċċess tal-konsumatur għal prodotti u servizzi ewlenin jiġi mfixxkel. In-nuqqas ta' informazzjoni u ċarezza legali jkompli jaggrava l-impatt ta' dan it-tfixkil. Minbarra r-riskji diretti tas-soċjetà kkawżati mill-kriżi, iċ-ċittadini, u b'mod partikolari l-gruppi vulnerabbli, qed jiffaċċjaw impatti ekonomiċi negattivi qawwija.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt se tħares lejn żewġ problemi separati iżda relatati ma' xulxin:

1. L-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni fi żminijiet ta' kriżi
2. In-nuqqas ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżijiet

X'għandu jinkiseb?

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva ma huwiex li tipprovdi soluzzjonijiet biex tingħeleb kriżi futura b'mod ġenerali, iżda pjuttost biex tippermetti rispons rapidu u flessibbli għall-impatti tas-Suq Uniku ta' kriżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ostakli għall-moviment liberu u n-nuqqas ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżijiet. L-oġġettivi ġenerali tal-SMEI huwa li jtejjeb il-viġilanza tas-Suq Uniku għall-kriżijiet u r-rispons għalihom kif ukoll il-funzjonament bla xkiel tiegħu fi żminijiet ta' kriżi. Għal dan il-għan, l-SMEI se jgħammar lill-UE b'sett ta' għodod ta' kriżi kalibrat sew li jippermetti rispons rapidu u effettiv għal kwalunkwe kriżi futura li thedded li tfixxkel il-funzjonament tas-Suq Uniku. Dan se jikkomplementa mekkaniżmi eżistenti oħrajn tal-UE, inkluż permezz ta' koordinazzjoni, trasparenza u veloċità aħjar. Din l-inizjattiva ssegwi żewġ oġġettivi speċifiċi:

1. L-imminimizzar tal-ostakli għall-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni fi żminijiet ta' kriżi: L-għan huwa li jiġi pprovdut sett ta' soluzzjonijiet li jikkonsisti f'miżuri ta' viġilanza, koordinazzjoni u trasparenza li jiżguraw rispons aktar allinjat u mmirat tal-Istati Membri u li jipprovdi t-trasparenza meħtieġa fir-rigward tal-ostakli għall-moviment liberu.

2. L-indirizzar tan-nuqqasijiet u s-salvagwardja tad-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi: L-għan huwa li jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet rapidi u prattiċi għal kwistjonijiet ta' provvista fi żminijiet ta' kriżi u li jiġu pprovduti mekkaniżmi adegwati ta' viġilanza, koordinazzjoni u trasparenza għal rispons ta' politika mmirat billi jiġu permessi l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija/mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati l-ostakoli rilevanti għall-kriżi fil-katina tal-provvista u l-ħtiġijiet tal-kapaċità, u tittieħed azzjoni ulterjuri fejn meħtieġ.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-attivitajiet ekonomiċi fis-Suq Uniku kollu huma integrati sew. L-oġġettivi li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u mingħajr tfixkil tas-Suq Uniku ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri nazzjonali unilaterali. Il-valur miżjud tal-UE ta' dan l-istrument huwa l-kapaċità konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jkollhom mod rapidu u strutturat ta' komunikazzjoni, koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni meta s-Suq Uniku jitqiegħed taħt pressjoni, u biex ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa b'mod trasparenti – isaħħu jew iħaffu l-mekkaniżmi eżistenti kif ukoll iżidu għodod ta' emerġenza eċċezzjonali u mmirati ġodda.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet biex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

L-għażliet jistabbilixxu korp ta' governanza u qafas għall-modalitajiet tal-ippjanar ta' kontinġenza, ta' viġilanza u ta' emerġenza. Kemm il-modalità ta' viġilanza tas-Suq Uniku kif ukoll il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku jiġu attivati skont kriterji speċifiċi u mekkaniżmi ta' skattar. Ċerti miżuri fis-sett ta' għodod ikunu jeħtieġu attivazzjoni addizzjonali.

Abbażi tal-analiżi tal-fatturi ewlenin tal-problemi u tal-lakuni fil-leġiżlazzjoni rilevanti speċifika għas-settur, ġew definiti tmien elementi kostitwenti tal-miżuri billi l-miżuri ġew raggruppati fi blokk li japplikaw fi żminijiet differenti (f'kull ħin, fil-modalità ta' viġilanza u fil-modalità ta' emerġenza). Għal kull element kostitwenti, ġew analizzati tliet approċċi ta' politika li jvarjaw minn miżuri mhux leġislattivi għal approċċ ibridu għal qafas leġislattiv aktar komprensiv. Abbażi ta' din l-analiżi, xi wħud mill-approċċi jew l-approċċi kollha nżammuh għal kull element kostitwenti u ġew ikkombinati fi tliet għażliet ta' politika realistiki li jirriflettu livelli differenti ta' ambizzjoni politika u appoġġ għall-partijiet ikkonċernati.

Modalità	Elementi kostitwenti	L-Għażla ta' Politika 1 IT-TRASPARENZA	L-Għażla ta' Politika 2 IL-KOOPERAZZJONI	L-Għażla ta' Politika 3 IS-SOLIDARJETÀ
Il-ħin kollu	1. il-governanza, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni	<i>Approċċ 2</i> Grupp Konsultattiv Formali bħala l-forum fil-livell tekniku u l-obbligu tal-Istati Membri li jikkondividu l-informazzjoni fi ħdan il-grupp b'antiċipazzjoni għall-kriżi u matulha		
Il-ħin kollu	2. l-ippjanar ta' kontinġenza għall-kriżijiet	<i>Approċċ 2</i> Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-riskju, it-taħriġ u l-eżerċizzji u l-kompendju ta' miżuri ta' rispons għall-kriżijiet	<i>Approċċ 3</i> - Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għall-valutazzjoni tar-riskju u l-kompendju ta' miżuri ta' rispons għall-kriżijiet u - Obbligu tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni - Obbligu tal-Istati Membri li jħarrġu lill-persunal rilevanti tagħhom għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'mod regolari	
Viġilanza	3. Viġilanza tas-Suq Uniku	<i>Approċċ 2</i> - Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar il-ġbir ta' informazzjoni rigward il-ktajjen tal-provvista strateġiċi identifikati - Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għall-bini ta' riżervi strateġiċi ta' oġġetti ta' importanza strateġika		<i>Approċċ 3</i> - Obbligu tal-Istati Membri biex jiġbru informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista strateġiċi identifikati - Obbligu tal-Kummissjoni li tfassal u taġġorna regolarment lista b'miri għar-riżervi strateġiċi - L-obbligi tal-Istati Membri ¹ biex jibnu riżervi strateġiċi għal oġġetti magħżula ta' importanza strateġika jekk ir-riżervi strateġiċi tal-Istati Membri ma jilhqax il-miri b'mod sinifikanti
Emerġenza	4. il-prinċipji ewlenin u l-miżuri ta' appoġġ għall-iffaċilitar tal-moviment liberu matul emerġenza	<i>Approċċ 2</i> It-tisħiħ tal-prinċipji ewlenin tal-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi f'regoli vinkolanti fejn xieraq għall-ġestjoni effettiva tal-kriżijiet		
Emerġenza	5. it-trasparenza u l-assistenza	<i>Approċċ 3</i> Mekkaniżmu komprensiv, vinkolanti ta' notifika rapida, rieżami rapidu bejn		

¹ Soġġetti għal skattatur addizzjonali

	amministrattiva matul emerġenza	il-pari u l-possibbiltà li l-miżuri notifikati jiġu ddikjarati inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni; il-punti ta' kuntatt u l-pjattaforma elettronika		
Emerġenza	6. it-tħaffif tal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti rilevanti għall-kriżi matul emerġenza	<i>Approċċ 2</i> Emendi mmirati tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-armonizzazzjoni tas-Suq Uniku: tqegħid aktar rapidu fis-suq ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet; Il-Kummissjoni tista' tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi; L-Istati Membri jipprioritizzaw is-sorveljanza tas-suq għal prodotti rilevanti għall-kriżijiet		
Emerġenza	7. l-akkwist pubbliku matul emerġenza	<i>Approċċ 2</i> Dispożizzjoni ġdida dwar l-akkwist konġunt/ix-xiri komuni mill-Kummissjoni għal xi wħud mill-Istati Membri jew għall-Istati Membri kollha		
Emerġenza	8. il-miżuri li jħallu impatt fuq il-ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżijiet matul il-modalità ta' emerġenza	<i>Approċċ 1</i> Gwida dwar iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi; l-aċċettazzjoni u l-prioritizzazzjoni ta' ordnijiet ta' oġġetti rilevanti għall-kriżijiet Rakkomandazzjonijiet lin-negozji biex jikkondividu informazzjoni rilevanti għall-kriżijiet	<i>Approċċ 2</i> Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għad-distribuzzjoni ta' prodotti maħżuna; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi; l-inkoraġġiment lill-operaturi ekonomiċi biex jaċċettaw u jipprioritizzaw l-ordnijiet L-għoti tas-setgħa lill-Istati Membri ² biex jobbligaw lill-operaturi ekonomiċi jżidu l-kapaċità tal-produzzjoni u biex jindirizzaw talbiet għal informazzjoni vinkolanti lill-operaturi ekonomiċi	<i>Approċċ 3</i> L-obbligi tal-Istati Membri ³ li jqassmu l-prodotti li qabel kienu maħżuna; it-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, Obbligi għan-negozji biex jaċċettaw u jipprioritizzaw l-ordnijiet; it-tishiġ tal-kapaċità tal-produzzjoni u l-għoti ta' informazzjoni rilevanti għall-kriżijiet

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ma tippreżentax għażla ppreferuta.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati jaqblu fil-biċċa l-kbira mal-hteġa li jiġi żgurat il-moviment liberu kif ukoll li jkun hemm trasparenza u koordinazzjoni akbar fi żminijiet ta' kriżi. Il-biċċa l-kbira tal-esperjenzi deskritti mill-partijiet ikkonċernati ġew mill-kriżi tal-COVID-19. Fir-rigward tal-iżgurar tad-disponibbiltà ta' oġġetti rilevanti għall-kriżijiet, l-Istati Membri esprimew appoġġ għal miżuri bħall-koordinazzjoni tal-akkwist pubbliku, il-valutazzjoni tal-konformità rapida u s-sorveljanza mtejba tas-suq. Għadd ta' Stati Membri esprimew tħassib dwar l-inklużjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata t-tnejnija ġenerali għall-kriżijiet u biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet fil-ktajjen tal-provvista. Xi partijiet ikkonċernati kummerċjali esprimew appoġġ għal definizzjoni ċara ta' emerġenza, koordinazzjoni u trasparenza akbar, miżuri biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema, notifikati rapidi ta' miżuri nazzjonali, proċeduri rapidi għall-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' standards armonizzati, punti uniċi ta' informazzjoni tal-UE u nazzjonali, eżerċizzji ta' emerġenza għall-esperti. Madankollu, xi wħud esprimew tħassib dwar miżuri obligatorji mmirati lejn l-operaturi ekonomiċi.

C. Impatti tal-għażliet

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażliet (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Għażla 1 hija mistennija li ġġib benefiċċji ekonomiċi għall-kumpaniji, b'mod partikolari matul emerġenza, minħabba rispons aħjar għall-kriżijiet fil-livell tal-UE li jwassal għal inqas ostakli għall-moviment liberu u disponibbiltà aħjar ta' prodotti rilevanti għall-kriżi. Il-miżuri li jiffaċilitaw il-moviment liberu se jkollhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-ħaddiema minħabba li se jwasslu għall-iżgurar tal-impjiegi billi jiġi żgurat kummerċ transfronter oġhla u inqas tfixkil fl-attività ekonomika

² Soġġetti għal skattatur addizzjonali

³ Soġġetti għal skattatur addizzjonali

<p>matul il-kriżijiet. Il-ħaddiema transfruntiera u r-reġjuni ultraperiferiċi se jibbenefikaw b'mod partikolari minn din l-għażla. Il-miżuri biex tiġi żgurata disponibbiltà aħjar ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet se jirriżultaw f'benefiċċji soċjali diretti, peress li se jtejbju r-rispons speċifiku għall-kriżijiet tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal kwalità aħjar tal-ħajja taċ-ċittadini fi żminijiet ta' kriżi. Madankollu, minħabba n-natura volontarja tal-miżuri fil-blokk 2, 3 u 8 skont din l-Għażla, il-kapaċità li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' tali prodotti rilevanti għall-kriżijiet tkun limitata ħafna.</p> <p>L-Għażla 2 se ġġib aktar benefiċċji meta mqabbla mal-Għażla 1, bis-saħħa ta' rispons aħjar għall-kriżijiet fil-livell tal-UE. B'mod partikolari, il-miżuri vinkolanti fil-blokka 8 jipprovdu benefiċċji soċjali addizzjonali. Il-kapaċità tal-Istati Membri li jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-kriżijiet u li jżidu l-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet tista' tindirizza d-domanda għal prodotti bħal dawn matul il-kriżi inkwistjoni u b'hekk tirriżulta f'rispons ġenerali tal-UE għall-kriżijiet li jkun sostanzjalment aħjar, li jwassal għal impatt soċjali dirett f'termini tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja.</p> <p>L-Għażla 3 hija mistennija li ġġib benefiċċji ekonomiċi saħansitra akbar għall-kumpaniji, b'mod partikolari matul emerġenza, meta mqabbla mal-Għażla 2. Dawn il-benefiċċji jistgħu jinkisbu bis-saħħa tal-fatt li jkun hemm miżuri aktar b'saħħithom disponibbli li jippermettu aktar titjib fir-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-UE u b'hekk iwasslu għal disponibbiltà ferm aħjar ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet u inqas ostakli għall-moviment liberu. Barra minn hekk, li jkun hemm għodda armonizzata madwar l-UE kollha tevita s-sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri nazzjonali individwali li jifframentaw is-suq Uniku. Hija mistennija wkoll li tipprovi benefiċċji soċjali akbar. Il-miżuri li jħallu impatt fuq il-ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżi matul l-emerġenza (il-blokka 8) kollha jservu bħala miżuri eċċezzjonali li madankollu jistgħu jkunu deċiżivi biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' prodotti rilevanti għall-kriżi f'każ ta' hteġa kbira fi kriżi. Dan min-naħa tiegħu jippermetti rispons ġenerali ħafna aħjar għall-kriżijiet min-naħa tal-UE, li jwassal għal impatt soċjali dirett saħansitra aktar b'saħħtu f'termini ta' titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja u, skont il-kriżi, biex jiġu salvati ħajjiet iċ-ċittadini.</p>
<p>X'inhuma l-kostijiet tal-għażliet (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</p> <p>L-Għażla 1 ma tinvolvi kostijiet għall-kumpaniji, peress li l-miżuri kollha li jista' jkollhom impatt negattiv f'termini ta' kostijiet huma volontarji. Hemm xi kostijiet diretti għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri bħall-kostijiet amministrattivi relatati mal-organizzazzjoni u mal-parteciċipazzjoni fil-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv kif ukoll kostijiet ta' konformità relatati ma' miżuri fil-blokk 4 u 5 matul emerġenza bħall-konformità mal-prinċipji u n-notifiki ewlenin.</p> <p>L-Għażla 2 tista' tinvolvi xi kostijiet għall-kumpaniji relatati mal-miżuri applikabbli matul modalità ta' emerġenza meta mqabbla mal-Għażla 1. Dawn il-kostijiet huma kostijiet ta' konformità għal talbiet ta' informazzjoni u kostijiet ta' opportunità relatati mal-obbligu li tiżdied il-produzzjoni jew li din tiġi adattata għal skop differenti. Barra minn hekk, minbarra l-kostijiet tal-Għażla 1, ikun hemm kostijiet għall-Istati Membri għat-taħriġ u għall-eżerċizzji, kif ukoll kostijiet relatati mal-miżuri fil-blokka 8 bħat-talbiet għal informazzjoni u ż-żieda fil-produzzjoni. Il-kostijiet addizzjonali se jkunu wkoll għall-Kummissjoni b'mod partikolari relatati mal-miżuri taħt il-blokka 2 bħall-valutazzjoni tar-riskju u t-taħriġ u l-eżerċizzji.</p> <p>L-Għażla 3 Għall-kumpaniji, minbarra l-kostijiet skont l-Għażla 2, jista' jkun hemm kostijiet ta' opportunità relatati ma' miżuri fil-modalità ta' emerġenza bħal ordnijiet klassifikati bħala prijorità. Għall-Istati Membri, meta mqabbla mal-Għażla 2, jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali relatati ma' miżuri fil-modalità ta' viġilanza bħall-kostituzzjoni ta' riżervi strateġiċi (blokk 3) u miżuri fil-modalità ta' emerġenza bħad-distribuzzjoni ta' riżervi strateġiċi u t-tħaffif tal-permessi (blokk 8). B'mod ġenerali, in-nuqqas ta' regoli u kooperazzjoni armonizzati jwassal għal frammentazzjoni tas-suq Uniku, li jikkawża kostijiet għall-kumpaniji.</p>
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?</p> <p>L-inizjattiva titqies rilevanti għall-SMEs. Bħall-kumpaniji kollha, l-SMEs se jibbenefikaw mir-rispons għall-kriżijiet globali aħjar fil-livell tal-UE minħabba inqas ostakli għall-moviment liberu u disponibbiltà aħjar ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet. B'mod ġenerali, ma huwa mistenni l-ebda kost għall-SMEs skont l-Għażla 1. L-SMEs jistgħu jiġu affettwati b'mod partikolarment negattiv mit-talbiet obligatorji għal informazzjoni skont l-Għażliet 2 u 3. L-SMEs jistgħu jibbenefikaw b'mod partikolari mill-obbligu li jżidu l-produzzjoni b'appoġġ finanzjarju xieraq skont l-Għażliet 2 u 3. L-SMEs jistgħu jibbenefikaw ulterjorment minn miżuri biex iħaffu l-għoti ta' permessi u minn ordnijiet klassifikati bħala prijorità skont l-Għażla 3.</p>

<p>Skont l-Għażla 1, ikun hemm trasparenza u ċertezza legali aħjar kif ukoll kostijiet aktar baxxi għall-kumpaniji tal-UE minħabba l-iffaċilitar tal-moviment liberu u miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza, u b'hekk tittejjeb il-kompetittività. L-impatt addizzjonali skont l-Għażla 2 meta mqabbel mal-Għażla 1 huwa mistenni li jkun żgħir peress li l-miżuri diretti se jikkonċernaw biss għadd limitat ħafna ta' kumpaniji. Skont l-Għażla 3 jista' jkun hemm effett pożittiv sinifikanti fuq il-kompetittività meta mqabbla mal-Għażla 2 peress li jkollha effett sinifikanti fuq il-kumpaniji kkonċernati u tiżgura rispons ġenerali aħjar għall-kriżijiet.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p>
<p>L-Istati Membri se jġarrbu kostijiet rikorrenti relatati mal-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv u kostijiet speċifiċi matul il-viġilanza u l-modalitajiet ta' emerġenza relatati ma' miżuri speċifiċi attivati f'dawk il-modalitajiet.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</p>
<p>Ma għe identifikat l-ebda impatt sinifikanti ieħor.</p>
<p>Proporzjonalità?</p>
<p>L-azzjonijiet proposti jindirizzaw l-oġettivi tal-inizjattiva u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-funzjonament tas-Suq Uniku fi żminijiet ta' kriżi. Il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri esprimew dubji dwar jekk, b'mod partikolari, il-miżuri li għandhom impatt fuq il-ktajjen tal-provvista rilevanti għall-kriżijiet matul l-emerġenza skont l-Għażla 3 jikkonformawx mal-prinċipju tal-proporzjonalità.</p>
<p>D. Segwitu</p>
<p>Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-UE ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva u se tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni tal-atti leġiżlattivi. Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi kif għandu jittejjeb l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza.</p>